Kampjun ta’ Skema ta’ Xogħol

Is-Sitt Sena tal-Primarja

Tema: Ix-Xogħol u s-Snajja'	L-Ewwel Ġimgħa	Minn: 1/10/23 sa: 5/10/23	
1. Il-KISBA SĦIĦA/PARTI MILL-KISBA	**IT-TAĦDIT**	**IS-SMIGĦ**	**L-ASSESSJAR KONTINWU**
Smigħ nru 4 – Nisma' u nsegwi testi informattivi ... **Taħdit nru 3 – Nistqarr fatti ... billi nuża strutturi grammatikali korretti**	**2. X'attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?** a. Wiri ta' leħħiet li juru għodod ta' xogħlijiet differenti. b. Diskussjoni fuq liema ħaddiem juża dawn l-għodod. ċ. Spjega - Li t-tema tal-ġimgħa se tkun dwar ix-xogħlijiet u s-snajja'. d. Attività ta' qabel is-smigħ: Jinsiltu kliem u espressjonijiet mill-filmat dwar ix-xogħol ta' pumpier marittimu (e.) u jiġu spjegati. Kliem li jista' jinsilet minn dan il-filmat hu station officer, red flag, salvataġġ, aġir, kawtela, il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa u l-bqija. e. Wiri ta' filmat dwar ix-xogħol ta' pumpier marittimu: Sir af aktar dwar ix-xogħol tat-tagsima marittima fi ħdan id-Dipartiment tal- Protezzjoni Ċivili - YouTube f. Jiġi speċifikat li f'dan l-eżerċizzju tas-smigħ se ssir diskussjoni b'mistoqsijiet dwar il-filmat. ġ. Jerġa' jintwera l-filmat għat-tieni darba sabiex isir il-fehim mis-smigħ. g. Issir diskussjoni fejn l-istudenti jiġu mistoqsija dwar il-filmat bħala taħriġ ta' fehim mis-smigħ. għ. Xogħol għad-dar – Jintgħażlu ħames studenti. Dawn jiġu mitluba jagħmlu proġett wara li jirriċerkaw dwar xi xogħol jew snajja' tal-imgħoddi jew tal-lum.* Jiġi spjegat li l-istudenti għandhom ċans jagħmlu dan il-proġett sal-ħames ġurnata tal-ġimgħa jiġifieri sal-ġimgħa. (L-istudenti l-oħra għandhom ikunu infurmati li aktar 'il quddiem dawk li ma kinux magħżula għal dan il-proġett se jintgħażlu għal proġetti oħra simili matul is-sena.) *NB: Biex tħarreġ l-istudenti jagħmlu l-preżentazzjoni għall-proġett, ara l-preżentazzjoni: Kif tagħmel preżentazzjoni ta' proġett quddiem udjenza. **3. X'attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x'tgħallmu l-istudenti waqt il-lezzjoni?** a. Waqt id-diskussjoni tara li l-istudenti qegħdin jużaw strutturi grammatikali korretti. b. Ir-rispons waqt id-diskussjoni wara s-smigħ tal-filmat. **4. Ir-Riżorsi** Leħħiet – Għodod tax-Xogħlijiet, il-bord interattiv, filmat-Ix-Xogħol ta' Pumpier Marittimu, preżentazzjoni – Kif tagħmel preżentazzjoni ta' proġett quddiem udjenza.	**5.** Meta jkun il-każ.

<table>
<tr><td>Tema: Ix-Xogħol u s-Snajja'</td><td colspan="2">L-Ewwel Ġimgħa</td><td colspan="2">Minn: 1/10/23 sa: 5/10/23</td></tr>
<tr><td>1. Il-KISBA SĦIĦA/PARTI MILL-KISBA</td><td>IL-QARI</td><td>IL-KITBA</td><td>IL-METALINGWA</td><td>L-ASSESSJAR KONTINWU</td></tr>
<tr><td>Qari nru 11 – Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura bħall-ittri kapitali ... il-punt ... is-sinjal tal-mistoqsija ... u ż-żewġ punti

Qari nru 4 – Nislet minn dak li naqra l-punti ewlenin billi nidentifika l-kliem, il-frażijiet u s-sentenzi l-aktar importanti

Metalingwa – Il-Punteġġjatura – Naf meta għandi nuża ż-żewġ punti

Kitba nru 5 – Nikteb mill-bidu jew inkompli djalogi mibdija fuq temi varji ta' bejn 140 u 200 kelma</td><td colspan="3">2. X’attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?

a. Tingħata l-karta tat-taħriġ- Intervista lil Gwida. Jiġu magħżula żewġ studenti biex jaqraw dan id-djalogu. Xi ħadd se jieħu l-irwol tal-preżentatur u xi ħadd se jkun il-gwida. L-għalliem għandu jagħti attenzjoni għall-intonazzjoni użata skont il-punteġġjatura.
b. Tintwera din il-karta tat-taħriġ fuq il-bord interattiv. Isiru mistoqsijiet lill-istudenti biex jinnutaw x’hemm partikolari f’dan l-istil ta’ kitba. Jiġi spjegat u muri li meta jinkiteb djalogu jintużaw iż-żewġ punti wara l-ismijiet.
ċ. Tingħata l-karta tat-taħriġ tal-qari - Intervista lil Gwida. Hawn se jsir taħriġ fil-qari sabiex l-istudenti jisiltu l-punti ewlenin billi jidentifikaw il-kliem, il-frażijiet u s-sentenzi l-aktar importanti.
d. Bħala Xogħol għad-Dar, tingħata l-karta tat-taħriġ - Djalogu bejn Żewġt Iħbieb dwar ix-Xogħol ta’ Wejter. Peress li din se tinħadem mill-istudenti bħala xogħol għad-dar, għandu jkun hemm preparament għaliha billi tinqara u jingħataw eżempji orali għal kif jista’ jimtela d-djalogu. (Tista’ tingħata l-karta tat-taħriġ – Djalogu bejn Żewġt Iħbieb dwar ix-Xogħol ta’ Wejter jew il-verżjoni addattata tagħha.)

3. X’attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x’tgħallmu l-istudenti waqt il- lezzjoni?

a. Il-karta tat-Taħriġ tal-Qari - Intervista lil Gwida.
b. Xogħol għad-Dar – Il-Karta tat-Taħriġ - Djalogu bejn Żewġt iħbieb dwar Ix-Xogħol ta’ Wejter jew il-verżjoni addattata.

4. Ir-Riżorsi

Il-bord interattiv, karti tat-taħriġ-Intervista lil Gwida, Djalogu bejn Żewġt Iħbieb dwar ix-Xogħol ta’ Wejter jew il-verżjoni addattata.</td><td>5. Meta jkun il-każ.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>Tema: Ix-Xogħol u s-Snajja'</td><td colspan="2">L-Ewwel Ġimgħa</td><td>Minn: 1/10/23 sa: 5/10/23</td></tr>
<tr><td>1. Il-KISBA SĦIĦA/PARTI MILL-KISBA</td><td>IL-METALINGWA</td><td>IL-QARI</td><td>L-ASSESSJAR KONTINWU</td></tr>
<tr><td>Metalingwa – Il-Punteġġjatura – Naf meta għandi nuża l-virgoletti doppji u singli

Qari nru 6 – Nagħraf li ġeneri differenti ta' kitba għandhom funzjonijiet differenti ngħidu aħna ... idaħħku

Qari nru 11 – Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura bħall-ittri kapitali, il-punt, il-virgoletti, is-sinjal tal-mistoqsija u s-sinjal esklamattiv</td><td colspan="2">2. X'attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?
a. Jiġu magħżula ħames studenti li se jieħdu l-irwoli tan-narratur, ir-raġel, il-mara, it-tifel u d-dentist. Tingħata kopja tal-istorja Għand id-Dentist-Skript lil dawn l-istudenti u tinqara.
b. Staqsi lill-bqija tal-klassi x'innutaw. Hawn jiġi speċifikat li qed jitkellmu nies differenti u li biex tinħoloq differenza bejn il-kliem mitkellem minn xi ħadd u dak li mhux se tintuża ċerta tip ta' punteġġjatura.
ċ. Tiġi murija l-preżentazzjoni L-Użu tal-Virgoletti.
d. Spjega - Mill-preżentazzjoni jiġi spjegat kif u meta jintużaw il-virgoletti.
e. Il-klassi tiġi maqsuma f'erba' gruppi. L-istudenti jiġu mogħtija l-leħħiet - Leħħiet-Għand id-Dentist li huma biċċiet minn storja waħda. Dawn jiġu mitluba jaqraw il-leħħiet u jiktbu l-virgoletti fejn meħtieġ.
f. Skont l-ordni tal-leħħiet, rappreżentant minn kull grupp jintalab jaqra l-leħħa u jgħid fejn inkitbu l-virgoletti. Fl-istess ħin, jintwerew ir-risposti mill-preżentazzjoni Għand id-Dentist- L-Istorja Sħiħa u l-Ġeneru. (Slides numru 2 sa numru 5)
ġ. L-istudenti jiġu mistoqsija kif ħassewhom meta qraw l-istorja biex jiġi ċċekkjat li għarfu li qraw ġeneru ta' storja tad-daħk.
g. Jintwerew is-slides min-numru 6 san-numru 9 li juru l-elementi li jikkaratterizzaw storja tad-daħk.
għ. Xogħol għad-dar – Karta tat-taħriġ – It-Taħdita tal-Veterinarju – Ikteb il-virgoletti fejn meħtieġ.
3. X'attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x'tgħallmu l-istudenti waqt il- lezzjoni?
a. Il-leħħiet - Għand id-Dentist
b. Xogħol għad-dar – Karta tat-taħriġ – It-Taħdita tal-Veterinarju
4. Ir-Riżorsi
Il-bord interattiv, Għand id-Dentist-Skript, preżentazzjoni - Għand id-Dentist-L-Istorja Sħiħa u l-Ġeneru, preżentazzjoni-L-Użu tal-Virgoletti, leħħiet-Għand id-Dentist, karta tat-taħriġ-It-Taħdita tal-Veterinarju</td><td>5. Meta jkun il-każ.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>Tema: Ix-Xogħol u s-Snajja'</td><td colspan="2">L-Ewwel Ġimgħa</td><td>Minn: 1/10/23 sa: 5/10/23</td></tr>
<tr><td>1. Il-KISBA SĦIĦA/PARTI MILL-KISBA</td><td>IS-SMIGĦ</td><td>Il-KITBA</td><td>L-ASSESSJAR KONTINWU</td></tr>
<tr><td>Smigħ nru 4 – Nisma' u nsegwi testi informattivi fosthom dawk li m'iniex midħla tagħhom bħal dawk fuq kultura

Smigħ nru 6 – Filwaqt li nisma' rakkont fattwali ... nislet id-dettalji importanti

Kitba nru 3 – Nieħu noti qosra waqt li nkun qed nisma' taħdita biex nużahom aktar tard fix-xogħlijiet tiegħi

Kitba nru 4 – Nikteb proċessi ta' madwar 50 kelma</td><td colspan="2">2. X'attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?
a. Jiġi spjegat li bħala xogħol insibu x-xogħol tal-furnar li fost l-oħrajn jagħmel il-ħobża Maltija li ssir permezz ta' proċess li tiegħu se jintwera filmat.
b. Attività ta' qabel is-smigħ: Jinsiltu kliem u espressjonijiet mill-filmat tal-proċess ta' kif issir il-ħobża Maltija (ċ) u jiġu spjegati. Din tista' ssir permezz ta' xi diskussjoni qasira mgħejjuna bi stampi relatati mal-filmat.
ċ. Jintwera l-filmat: https://www.youtube.com/watch?v=bXugwgDIFNQ
d. Tingħata l-karta tat-taħriġ - Teħid ta' noti u kitba – Il-Proċess tal-Ħobża Maltija. Jiġi spjegat li jridu jimlew in-noti fil-qosor f' Eż. A.
e. Jerġa' jintwera l-filmat għall-aħħar darba. Jingħad li dan qed isir biex jimtlew xi noti li jkunu għadhom ma mtlewx mill-istudenti.
f. Jiġu ċċekkjati n-noti mal-bqija tal-klassi.
ġ. Bl-għajnuna tan-noti li minnhom infushom huma l-pjan, l-istudenti huma mitluba jiktbu paragrafu ta' 50 kelma dwar il-proċess tal-ħobża Maltija f'Eż. B tal-karta tat-taħriġ.

3. X'attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x'tgħallmu l-istudenti waqt il-lezzjoni?
a. Il-Karta tat-Taħriġ – Teħid ta' noti u kitba – Il-Proċess tal-Ħobża Maltija

4. Ir-Riżorsi
Il-bord interattiv, il-karti tat-taħriġ - Teħid ta' noti u kitba – Il-Proċess tal-Ħobża Maltija</td><td>5. Meta jkun il-każ.</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>Tema: Ix-Xogħol u s-Snajja'</td><td colspan="2">L-Ewwel Ġimgħa</td><td>Minn: 1/10/23 sa: 5/10/23</td></tr>
<tr><td>1. Il-KISBA SĦIĦA/PARTI MILL-KISBA</td><td>IT-TAĦDIT</td><td>IS-SMIGĦ</td><td>L-ASSESSJAR KONTINWU</td></tr>
<tr><td>Taħdit nru 4 – Nispjega u nsostni b’evidenza l-opinjonijiet tiegħi fuq tema mogħtija minn qabel (proġett tat-taħdit)

Taħdit nru 6 – Nitkellem u nippreżenta quddiem udjenza, waħdi ... bl-għajnuna ta' riżorsi teknoloġiċi, diġitali, stampati u oħrajn, wara li tkun saret riċerka; tagħrif interessanti fuq avvenimenti u elementi ewlenin li jsawru l-kultura u l-identità Maltija llum bħax-xogħlijiet u s-snajja' tal-lum ...

Taħdit nru 12 – Nevalwa l-preżentazzjoni ta' persuni oħra billi nagħti rispons b'mod orali u filwaqt li nagħraf il-pożittiv, nissuġġerixxi tibdil/titjib u nagħti r-raġuni/ijiet għas-suġġerimenti tiegħi

Smigħ nru 10 – Naf inkun parti minn udjenza li tisma', tifhem u tipparteċipa</td><td colspan="2">2. X’attivitajiet se tagħmel biex TGĦALLEM?
a. Jiġi spjegat li ħamest itfal se juru x-xogħol tal-proġett li għamlu dwar ix-xogħlijiet jew is-snajja’ tal-imgħoddi jew tal-lum.
b. Jiġi spjegat li filwaqt li jsir dan il-bqija tal-istudenti jridu jisimgħu dak li qed jingħad bħala sinjal ta’ rispett.
ċ. Waqt il-preżentazzjoni l-istudenti l-oħra għandhom jiġu involuti billi jiġu mistoqsija dwar l-opinjoni tagħhom kif ukoll jekk għandhomx xi mistoqsija lill-kelliema.
d. Jiġi spjegat li biċċa xogħol tista’ tkun aħjar jekk wieħed jagħmel xi suġġerimenti. Jingħataw xi eżempji ta’ dan u jintwerew il-leħħiet – Kummenti Pożittivi sabiex l-istudenti jiġu mħeġġa jevalwaw ix-xogħlijiet ta’ sħabhom billi jagħmlu kritika pożittiva u suġġerimenti.

3. X’attivitajiet se tagħmel biex TASSESSJA x’tgħallmu l-istudenti waqt il-lezzjoni?
a. It-taħdita dwar ix-xogħlijiet jew is-snajja’

4. Ir-Riżorsi
Leħħiet – Kummenti Pożittivi</td><td>5. Assessjar tat-taħdit 1</td></tr>
</table>